MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 380/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Anton Agius**

Illum 27 ta' Lulju, 2012
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

A. Nhar it-30 ta' Novembru 2007 ghall-habta tas-1:30pm gewwa l-fond numru 32, Nativity, Triq Ebona, Zebbug, Malta, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe attentat ta' serq aggravat bil-mezz, ghad-detriment tas-sidien tal-fond in kwistjoni, is-sinjura Philomena u zewgha Joseph Fsadni, u billi wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu ;

B. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, dahal f' dar jew lok iehor jew f' recint b' wiehed mill-mezzi msemmijin flartikoli

264, 265 u 266, ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor,

C. Waqt perjodu operattiv ta' diversi sentenzi sospizi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati fuq akkuzi li kienu jappartjenu s-serq, ikkommetta reat iehor.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, tapplika ilprovedimenti ta' l-artikoli 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru, 2011 fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 31,41, 261, 263, 264, 265, 278 u 28A sa H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-ewwel(1) u tat-tielet(3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannatu hames (5) xhur prigunerija.

Il-Qorti ordnat ulterjorment li l-piena ta' prigunerija ta tmien (8) xhur sospizi ghal sentejn (2) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi fil-31 ta' Ottubru 2007 tigi reza operattiva sabiex b'hekk l-imputat jaghmel perijodu globali ta' tlettax(13)-il xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Anton Agius pprezentat fis-7 ta' Ottubru, 2011 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

Thassar, tirrevoka u tikkancella is-sentenza appellata u tillibera lill- imputat minn kull imputazzjoni, htija u piena, salv dak li din il-Qorti joghgobha tordna.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. L-ewwel Qorti kisret il-principju fundamentali ta' l-audi alteram partem. Meta wiehed jezamina bir-reqqa il-

process, jinduna illi meta l-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex aktar provi, wara li hadet diversi seduti bil-kumdita taghha biex ittella dawn il-provi, l-appellant talab lill-prosekuzjoni, inkluz b'ittri formali mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex itella in kontroezami lill-parte lesa u cioe` Filomena Fsadni. Il-kontroezami ta' l-parti lesa kellu jsir bil-fors qabel ma jibda jixhed l-istess appellant u eventwalment jipproduci x-xhieda kollha tieghu li kienu jikkonsistu fix-xhieda teighu, f'dik ta' zitu biex tikkonferma l-innocenza tieghu u fuq kollox id-deputat registratur tal-Qorti tal-Magistrati tal-Magistrat Antonio Mizzi biex jipprova illi l-appellant kien diga tressaq u nghata sentenza minn Qorti tal-Magistrati fuq l-istess fatti.

Il-kawza bdiet tigi kuldarba differita biex il-prosekuzzjoni tharrek lil parte civile u lix-xhieda mitluba imma ghal diversi seduti konsekuttivi il-prosekuzzjoni naqqset milli taghmel dan, bil-konsegwenza li d-difiza ma setghetx tibda l-provi taghha peress li kien ghad fadal il-kontroezami tal-parti lesa. Dan jista` jkun ikkonfermat minn din l-Onorabbli Qorti meta tezamina l-process.

Gara illi fis-seduta precedenti ghal dik li fiha inghatat is-sentenza, l-appellant kellu impediment legittimu biex ma jattendix il-Qorti billi kif jidher mill-anness certifikat kien qieghed fi programm ta' rijabilitazzjoni f' dar l-impenn u kwindi kellu altru milli impediment legittimu. Ghal dik is-seduta il-prosekuzzjoni kienet tellghet ghall-ewwel darba ix-xhud Filomena |Fsadni in kontroezami. Il-Qorti fl-assenza tal-imputat, minkejja li kellu dan l-impediment legittimu, ghazlet li tiddikjara l-provi tieghu maghluqa u iddifferiet il-kawza ghas-sentenza. Lanqas iddiferietha ghat-trattazzjoni finali!

Fis-seduta tad-29 ta' Settembru id-difiza gibedet l-attenzjoni tal-Qorti li kien hemm diversi drabi fejn il-prosekuzzjoni naqqset milli tipproduci x-xhieda rikjesti, fosthom il-parti leza in kontroezami u li s-seduta li ghaddet l-appellant kellu impediment legittimu biex ma jattendix il-Qorti u ghalhekk intalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex ikun jista` jsir il-kontroezami ta' Filomena Fsadni li dakinhar kienet presenti fl-awla. Naturalment il-

Qorti ma laqghetx it-talba u kompliet biex taghti is-sentenza.

Kwindi huwa altru milli evidenti li l-Ewwel Qorti kisret id-dritt ta’ l-audi alteram partem ta’ l-appellant billi ma tatux l-opportunita li jressaq il-provi kollha tieghu billi fis-seduti kollha precedenti il-prosekuzzjoni kienet naqqset milli ttella x-xhud ewlieni taghha ghall-kontroezami – tant li qatt ma giet prodotta riferta – u meta din ix-xhud ittellghet, l-appellant kien qieghed dar l-impenn fuq programm ta’ rijabilitazzjoni mid-droga.

2. L-ewwel Qorti iddikjarat wara li semghet lil Filomena Fsadni tixhed li ma kellha l-ebda dubju dwar il-kredibilta ta’ dan ix-xhud. L-ewwel Qorti ma ndunat illi Filomena Fsadni marret tirrapporta l-ghassa erbat ijiem wara li dan allegatament gara. Persuna li ssofri attentat ta’ serq kif spjegat minn Fsadni, hija persuna li tghaddi minn xokk kbir dak il-hin, sforz tal-qatgha li wiehed ikollu meta jsib ma wiccu bniedem skonoxxut fil-propjeta` tieghu. Zgur li kieku gara dan il-fatt l-ewwel reazzjoni ta’ Fsadni kellha tkun li ccempel il-Pulizija mal-ewwel u tirrapporta l-kaz mal-ewwel! Fsadni pero hasset li kellha taghmel rapport erbat ijiem wara. Fix-xhieda taghha Fsadni kienet altru milli konsostenti. Issemmi li kellha xi filmat migbuda minn CCTV camera li juru lill-imputat li kien hu qed jipprova jisraq. Irrizulta li l-parti lesa ma pprezentat l-ebda filmat fil-Qorti imma kienet biss qed tivvinta. Li kieku infurmat lill-pulizija mal-ewwel, dawn kienu jkunu jistghu jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom inkluz ukoll it-tehid tal-finger prints fuq l-affarjiet li kienu se jkunu misruqa, liema fingerprints kienu jkunu jistghu imqabbla ma’ ta’ l-imputat. Kien ikun b’dan il-mod li kien jitnehha kull dubju ragjonevoli mill-fatt li l-persuna li allegatament rat il-parti lesa kien ikun tassew l-appellant. Din il-Qorti kulma kellha quddiema biex tiddeciedi l-kaz kienet biss ix-xhieda ta’ Filomena Fsadni li minhabba l-fatt li l-appellant qatt ma kellu l-opportunita li jikkontroezaminha u jikkontraddici dak li qalet, il-verzjoni taghha kienet ikkunsidrata bhala l-verita meta ghal kull buon fini setghet kienet qed tivvinta u minn dak li allegat li qalet sehh, fil-verita` ma kien sehh xejn.

3. Illi in oltre meta wiehed jara x-xhieda ta’ Filomena Fsadni u kif riportata fis-sentenza mill-Ewwel Qorti f’pagna 4, irrisulta li Filomena Fsadni ‘rat l-imputat qed jipprova jidhol gewwa dahra billi tela’ mit-tieqa, caqlaq xi affarijiet sabiex ikun jista` jidhol (sottolinear ta’ l-appellant) u kien diga beda diehel gewwa u kien biss l-intervent taghha li waqfu milli jkompli diehel’. Minn din ix-xhieda bir-rispett kollu qed ikun irrilevat li r-reat ta’ attentat ta’ serq ma jissussistix. Fl-ebda hin il-parti lesa ma qed tghid li rat lill-appellant jiehu xi affarjiet jew imiss xi oggetti ohra. Jekk kien hemm reat qed isehh dak il-hion kien dak kontemplat mill-artikolu 330 tal-Kodici Kriminali, inkluz fit-tieni imputazzjoni, li l-Qorti iddecidiet tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha. Fl-ewwel lok qed ikun rilevat li l-Qorti anke hawnhekk hadet zball. Ma kellhiex ma tiehux konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni imma tilliberah minnha u dan stante li l-imputazzjoni kif dedotta kienet nieqsa minn element kardinali. Filwaqt li jissemmew l-artikoli, ma jissemmiex il-Kap li minnhom huma mehudin dawn l-artikoli u kwindi it-tieni imputazzjoni hija nulla. Fit-tieni lok, jidher car li dak li Filomena Fsadni qalet li rat diehel f’ dahra, mess xi oggetti biss biex icaqlaqhom halli jkun jista` jidhol mit-tieqa. X’kienet l-intenzjoni tal-persuna li allegatament dahal fid-dar taghha had ma jaf ghaliex ma ghamel l-ebda atti eseterni li permezz taghhom huwa t’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Filomena Fsadni ma ratux jiehu xi oggetti u jitlaqhom malli gew wicc imb’wicc. Fsadni tghid biss li ratu go darha. Bir-rispett kollu, l-appellant ma jafx kif din ix-xhieda l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni bla dubju li l-agir ta’ l-imputat kien jammonta ghal attentat ta’ serq.

Ikkunsidrat.

Fl-ewwel agravju tieghu l-appellant qieghed jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatux l-opportunita li jressaq il-provi tieghu peress illi skont hu l-prosekuzzjoni talbet ghal hafna diferimenti, ma harqitx ix-xhieda li kienet talbet id-difiza u l-Qorti qabdet u ghaddiet ghas-Sentenza minkejja l-oggezzjoni tad-difiza. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal verbal tas-seduta tad-disgha u ghoxrin (29)

ta’ Settembru, 2011 (fol 66). Minn hawn jirrizulta illi propju illi dikinhar illi kienet ser tinghata s-Sentenza l-appellant jitlob is-sospenzjoni tal-plorezzjoni taghha peress illi d-difiza kienet talbet biex tigi ngunta inkontra ezami l-kwerelanta u biex jigi mharrek xhud iehor in difeza, liema xhieda ngiebu quddiem il-Qorti fis-seduta precidenti li fiha l-imputat ma attendiex ghax kien qed isegwi l-programm riabilitatarju. Il-Qorti cahdet din it-talba peress illi l-kawza kienet giet differita ghas-Sentenza sa mill-udjenza tat-tlieta (3) ta’ Gunju 2011 u l-appellat altru li kellu zmien biz-zejjed biex jekk irid jitlob is-sospenzjoni tal-plorezzjoni tas-Sentenza l-kawza kienet ilha tigi differita ghal konkluzjoni tal-provi difiza sa mid-dsatax (19) ta’ Mejju, 2010 l-imputat f’din il-kawza kien gie debitament notifikat bid-dati tad-differimenti u naqas milli jidher minghar ma jaghti raguni valida. Il-Qorti tinnota huwa biss fir-rikors ta’ l-appell tieghu illi l-appellant allega li ma deherx minhabba “impediment legittimu”, izda x’kien dan l-impediment l-appellant qatt ma qal.

Ikkunsidrat.

Meta l-Qorti tara l-verbali tal-kawza ssib illi din il-kawza twalet propju minhabba differimenti moghtija minhabba jew fuq talba tad-difiza. Kienet darba biss illi l-Ufficjal Prosekutur kien baghat differiment ghaliex ma jiflahx, izda l-bqija tad-differimenti kollha saru fuq talba jew minhabba d-difiza, l-appellant altru li kellu l-opportunita biex iressaq il-provi tieghu. din il-Qorti qed tigi nfaccata ta’ spiss b’din is-sitwazzjoni fejn id-difiza jew l-imputat jonqos milli jidher il-Qorti u jinghataw hafna u hafna differimenti fuq talba taghha biex imbaghad meta l-Qorti tghaddi biex taghti s-Sentenza fir-rikors ta’ l-appell jigi nvukat il-principju ta’ *audi altre rampante*. Il-Qorti tirrileva illi dan il-principju mhuwiex assolut fis-sens illi kawza ghandha dejjem tigi differita u progrestinata b’mod ezaspiratni minhabba jew fuq talba tad-difiz. Xi limitu jrid ikun hemm u jekk l-appellant jidhirlu illi jista jibqa jghaddi z-zmien bil-Qorti billi ma jidhirx, jitlob differimenti u jispera li l-kawza ma ssirx, allura jista jmur ihabbat xi bieb iehor ghax quddiem il-Qorti ma jistax jibqa sejjer hekk *ad un finitum*, xi decizjoni trid tittiehed u ghalhekk il-Qorti sewwa ghamlet bid-digriet

taghha tal-verbal fuq imsemmi tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru, 2011.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-meritu rrizulta mill-provi illi fit-tletin (30) ta' Novembru, 2007 ghal habta ta' 1:30 pm l-appellant ipprova jidhol fil-font 32 Nativity, Triq Ebona, Zebbug, Malta. Sid il-font Filomena Fsadni kienet id-dar fl-imsemmija data wehidha meta semghet xi hsejjes u l-kelb taghha beda jindikalha sabiex tmur hdejn it-tieqi li hemm ma genb il-bieb ta' barra tad-dar taghha, liema tieqa taghti ghal barra u meta hija ghamlet hekk rat lill-imputat illi kienet tafu ghaliex kienu girien diehel minn gewwa t-tieqa b'saqajh wahda diga gewwa. L-appellant kien diga ressaq xi affarijiet illi Filomena Fsadni kellha fil-hogor tat-tieqa mal-genb ta' l-istess tieqa sabiex huwa jkun jista jidhol gewwa d-dar taghha, izda meta ra illi gie osservat minn Fsadni harab jigri. Fsadni xehdet illi peress illi kienet taf lill-appellant marret tkellem lil zitu biex dina twissih halli ma jergax jipprova jidhol fid-dar taghha, izda minflok ma qaghad kwiet l-appellant mar sab lil Fsadni barra d-dar taghha u agrediha. Kien ghalhekk illi fit-tlieta (3) ta' Dicembru, 2007 Filomena Fsadni rrapurtat lill-pulizija dak illi pprova jaghmel l-appellant.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti bhall-ewwel Qorti issib illi l-verzjoni moghtija minn Filomena Fsadni hija kredibli u veritiera, dina kienet taf lill-appellant peress li kienu girien u ghalhekk ma kien hemm l-ebda dubju dwar l-identifikazzjoni tieghu. Il-Qorti tinnota wkoll li Fsadni kienet ferm kawta bil-mod kif tirreagixxi ghal dak li pprova jaghmel l-appellant u ma marritx mall-ewwel ghand il-pulizija izda dehrilha illi kellha ssolvi l-problema b'mod pacifiku billi tirraporta biss lil zitu u tavza lill-appellant biex ma jergax jipprova jidhol klandestinament f'dar Fsadni. Bil-wicc tost kollu l-appellant minflok ma qaghad ghal din it-twissija mar jagredixxi lil Filomena Fsadni u dan il-gest nobli u rikonciljatorju taghha gie mibdul f'wiehed ta' vjolenza. Ghalhekk il-Qorti bir-ragun issib illi Fsadni sewwa ghamlet

meta marret tirraporta lill-appellant lill-pulizija biex b'hekk bdew dawn il-proceduri. Minn nahha l-ohra l-verzjoni moghtija mill-appellant mhijiex wahda veritiera u lanqas tlahhaq il-grad ta' probabilita rikjest mill-Ligi, ma tistax toqghod hdejn ix-xhieda deciziva, cara u kategorika ta' Filomena Fsadni li thalli dak il-konvinciment morali sabiex il-Qorti tasal ghal konkluzjoni taghha u ssib illi l-ewwel Qorti kellha ragun li tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha. Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragunevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni illi waslet ghaliha. Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament u waslet ghal konkluzjoni illi l-ewwel Qorti fqu il-provi illi kellha quddiemha setghet ragunevolment u legalment tiddeciedi kif iddecidiet u ghalhekk mhux il-kaz illi d-deskrizzjoni u l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti jigu ddisturbati.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------